MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 61/2012/2

**Blanche Coppola**

**v.**

**Christopher Bonello**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li pprezentat ir-rikorrenti fis-27 ta' Jannar 2012 li jaqra hekk:

"1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-knisja ta' Marija Bambina gewwa l-Isla nhar it-22 ta' Settembru 1996;

"2. Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku att numru 1289/1996 kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok. A;

"3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Dale li llum ghandu tlettax-il sena u Sean li llum ghandu tnax-il sena li t-tnejn u ghalhekk it-tnejn ghadhom minuri;

"4. Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' nhar is-7 ta' Awwissu 2007 (Dig numru 1355/07) sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali;

"5. Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti n-Nutar Stephanie Psaila datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok B;

"6. Illi l-esponenti ilha separata legalment ghal aktar minn erba' (4) snin;

"7. Illi ma hemmx possibilita' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw;

"8. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

“Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“a) tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-22 ta’ Settembru 1996 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

“b) tordna li d-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

“c) taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.”

Rat il-verbali tal-kawza fosthom l-affidavits u depozizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Familja moghtja fis-27 ta’ Gunju 2012 li permezz taghha laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u ippronunzjat il-hall taz-zwieg li hemm bejn il-partijiet celebrat fit-22 ta’ Settembru 1996 u ordnat lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ordnat li l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Rat ir-rikors tal-konvenuta li permezz tieghu hija talbet illi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza msemmija fejn ippronunzjat il-hall taz-zwieg u ordnat ir-registrazzjoni tad-divorzju u anke dwar il-kap tal-ispejjez izda li tikkoregi s-

sentenza msemmija fejn erronjament iddikjarat li r-rikorrenti ippruvat ukoll li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut lilha fis-sens li jigi indikat dak li kienet effettivament xehdet ir-rikorrenti appellanti;

Rat ir-risposta tal-attur appellat li permezz taghha issottometta illi l-appell kellu jigi michud u s-sentenza konfermata in toto;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

> "Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Awissu 2007;
>
> "Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
>
> "Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti lilha mill-intimat;"

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJU TAL-KONVENUTA**

Illi **l-ewwel u uniku aggravju** tal-appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha erronjament indikat li r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma kien hemm ebda arretrati ta’ manteniment dovut lilha mill-intimat u dan stante li minn imkien fl-atti tal-kawza ma jirrizulta dan anzi pjuttost jirrizulta l-kuntrarju stante li r-rikorrenti appellanti iddikjarat li hemm arretrati ta’ manteniment li ghadhom dovuti mill-intimat appellat.

Aktar il-quddiem l-appellanti tghid ukoll li l-fatt li ghad hemm arretrati ta’ manteniment dovuti ma jaffettwax id-dritt taghha li titlob u tottjeni dikjarazzjoni li z-zwieg taghha jinhall skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Dan l-artikolu jghid;

> “**66B.** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> *(a)* *“fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-*

*inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) "ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) "il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*"Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*"Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*"

Ghandu jinghad ghall-kjarezza illi l-Artikolu 57 jirreferi ghall-manteniment dovut ghall-minuri.

Kif pero` ivverbalizzza d-difensur tal-appellat fil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2014, il-parti tas-sentenza illi qed tappella fuqha l-appellanti m'hijiex dik operattiva. Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Andrew Pace et v. Unscheduled Bus Service**, deciza fil-15 ta' Dicembru 2003:

> "Il-Qorti ssib pjuttost stramb li parti vincenti f'gudizzju tappella mill-parti razzjonali, ossija minn motivazzjoni singolari tas-sentenza u ghalhekk ma tistax lanqas titqies bhala xi dikjarazzjoni **decisiva jew obligatorja** kif irid l-Artikolu 219 tal-Kap. 12.
>
> "Il-Qorti tifhem illi bl-espressjoni 'kap wiehed jew izjed ta' kull sentenza' adoperata fl-Artikolu 240 tal-Kap. 12 jew f'dispozizzjonijiet ohra tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili fejn tissemma' l-kelma 'kap' il-ligi qed tirreferi espressament ghall-kapi fil-parti operattiva tas-sentenza. Kapi li minnhom l-attur appellat jista' jappella incidentalment jekk isib ruhu avversament kolpit."

Din il-Qorti zzid ukoll illi l-Artikolu **226 (2)** tal-istess Kap. 12 jghid illi:

> "Meta appell ma jsirx mis-sentenza kollha, għandhom jissemmew, fir-rikors tal-appell, il-kapi tas-sentenza li minnhom isir appell." (sottolinear tal-Qorti).

Fil-fehma tal-Qorti huwa car li dak li gie citat dwar appell incidentali japplika ghall-appell principali u fejn l-Artikolu 226 (2) isemmi l-kelma 'kapi' qed jirreferi ghall-istess tifsira ta' dik il-kelma kif spjegat fis-sentenza citata. Dan kollu allura jfisser li appell, kemm principali u kemm incidentali, jista' jsir biss mill-parti dispozittiva tas-sentenza u allura l-parti decisiva u obligatorja kif gia` issemma'. Fil-kaz in ezami l-appellanti qed tappella unikament minn wahda mir-ragunijiet ghaliex it-talba taghha giet akkolta u allura minn motivazzjoni tas-sentenza li skont hi, m'hijiex korretta. Ladarba pero` din m'hijiex parti essenzjali mis-sentenza u allura ma torbotx il-partijiet kif torbothom il-parti dispozittiva, il-Qorti ghal ragunijiet purament procedurali kif anke qalet il-Qorti

tal-Appell fl-istess sentenza msemmija, se tiddikjara dan l-appell inammissibbli.

Dan ma jfissirx li l-appellanti ma tistax tiehu l-passi necessarji biex tircievi minghand l-appellat dak li hija ghandha dritt tiehu minghandu bhala manteniment – naturalment jekk dan hu l-kaz.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiddikjarah inammissibbli u allura tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-kawza fl-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti tal-Familja fis-sentenza appellata; dawk tal-appell a kariku tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------